**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2017/2044(BUD)**

31.8.2017

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (2017/2044(BUD))

Rapporteur: Deirdre Clune



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li t-tkabbir sostenibbli u l-investiment huma fatturi ewlenin għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti li jwasslu għal impjieg ta' kwalità u biex tiżdied il-prosperità għal kulħadd; ifakkar fil-ħtieġa li l-fondi strutturali u ta' investiment jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u sabiex tingħata spinta lill-konverġenza soċjali u territorjali; f'dak ir-rigward, jenfasizza li l-baġit tal-UE jenħtieġ jikkontribwixxi finanzjarjament lejn il-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020 fil-qasam soċjali u tal-impjiegi;

2. Jinnota ż-żieda globali minn sena għal sena proposta mill-Kummissjoni fl-approprjazzjonijiet tal-intestatura 1 — Tkabbir intelliġenti u inklużiv (+2,5 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u +18,3 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament); jinnota wkoll iż-żidiet proporzjonalment ogħla fl-intestatura 1b — Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (+2,4 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u + 25,7 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament);

3. Jenfasizza li dawn ir-riżorsi addizzjonali ma jridux jiksru l-prinċipju ta' sussidjarjetà, joħonqu l-investimenti privati jew jissostitwixxu miżuri nazzjonali;

4. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis propost ta' 8,85 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-kapitlu "Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni";

5. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis kollu li sar mill-Kunsill Ewropew fl-intestatura "Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni"; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-bidliet li jnaqqsu l-programmazzjoni baġitarja għal-linji tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni jridu jiġu rifjutati u li jrid jinstab bilanċ xieraq bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament sabiex dawn il-politiki jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;

6. Jenfasizza li l-baġit 2018 jeħtieġ jiżvolġi rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u jinħolqu t-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni, b'attenzjoni kbira fuq il-ġlieda kontra l-qgħad fost dawk l-iktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol u fuq il-ġlieda kontra l-faqar, b'attenzjoni partikulari fuq il-faqar fost it-tfal; għalhekk itenni t-talba tiegħu favur implimentazzjoni sħiħa tal-linji baġitarji ddedikati għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali;

7. Ifakkar li hemm 2 miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, li jimpjegaw 14,5 miljun persuna u għandhom l-għan li jħallu impatt soċjali, soċjetali jew ambjentali fl-interess ġenerali; jirrimarka li huma jikkontribwixxu għall-impjiegi, il-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp reġjonali u rurali, il-protezzjoni ambjentali, il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-iżvilupp agrikolu u tal-pajjiżi terzi, u l-politiki tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni Ewropew iffinanzjat b'mod adegwat, li jippromwovi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-Unjoni u jsaħħaħ l-innovazzjoni soċjali; ifakkar li l-intrapriżi soċjali qed ikollhom diffikultà biex isibu

opportunitajiet tajbin ta' finanzjament minħabba li l-funzjonament tagħhom mhuwiex mifhum biżżejjed kif ukoll minħabba d-daqs tagħhom; jenfasizza l-importanza ta' finanzjament adegwat permezz tal-programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;

8. Ifakkar li fl-Unjoni r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għadhom għoljin b'mod inaċċettabbli u li s-sitwazzjoni tal-persuni żgħażagħ qiegħda, speċjalment dawk il-persuni barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETS) toħloq tħassib partikolari; jenfasizza li, sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, hu ferm importanti li jkun żgurat finanzjament adegwat u fil-ħin ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) u l-FSE; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li dawk l-istrumenti jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u f'waqtu, u jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tal-finanzjament il-ġdid ta' EUR 500 miljun approvat għall-YEI għall-2017; jinnota wkoll bi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri[1] ddikjarat li mhuwiex possibbli li tiġi indirizzata l-popolazzjoni NEET kollha kemm hi unikament bir-riżorsi disponibbli mill-baġit tal-UE;

9. Ifakkar, b'mod partikolari, fl-importanza li jiġi żgurat finanzjament ta' mill-inqas EUR 700 miljun għall-YEI għall-perjodu bejn l-2018 u l-2020, kif maqbul fi ħdan ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, li għandu jiġi maqsum bejn l-2018, l-2019 u l-2020 fi tliet pagamenti ugwali ta' EUR 233,33 miljun kif rifless fl-Abbozz ta' Baġit 2018; jitlob ukoll l-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament suffiċjenti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-YEI;

10. Ifakkar li l-EURES huwa għodda importanti li biha, b'mod simultanju, tiżdied il-mobilità tal-forza tax-xogħol u jiġu indirizzati l-qgħad u n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fl-Unjoni; jinnota, madankollu, li l-livell ta' għarfien tal-EURES għadu baxx ħafna; jenfasizza li huwa importanti li jkun hemm finanzjament xieraq u fil-ħin permezz tal-EaSI sabiex jiġu ffinanzjati kampanji ta' għarfien fl-Unjoni;

11. Jenfasizza l-importanza ta' finanzjament adegwat u ta' ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħalma huma l-FSE, il-YEI, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);

12. Itenni, b'mod partikolari, is-sejħa tiegħu sabiex ikunu żgurati impenji adegwati u b'mod partikolari approprjazzjonijiet ta' pagament fil-Baġit 2018 għall-FSE peress li dan jinsab dieħel f'perjodu fejn l-implimentazzjoni qed tintensifika u t-talbiet għal pagamenti mill-Istati Membri se jiżdiedu;

13. Jilqa' ż-żidiet proposti għall-FEG (+2 % sena wara sena f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-pakkett massimu disponibbli għal dan il-fond) u l-FEAD (+1,9 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn); jinsab imħasseb, madankollu, dwar it-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' pagament propost għall-FEAD (-9.07 %) flimkien ma' tnaqqis fin-nefqa ta' appoġġ;

[1] http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/NewsItem.aspx?nid=8265

14. Jiddikjara li d-djalogu soċjali huwa strument ewlieni biex jiġu żgurati tkabbir sostenibbli, titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tinkiseb konverġenza 'l fuq u jkunu bilanċjati l-kompetittività u l-korrettezza; jiddispjaċih għalhekk dwar it-tnaqqis li sar mill-Kunsill Ewropew fil-linji relatati mar-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali u l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-intrapriżi;

15. Jinnota li mill-EUR 72,8 miljun ta' finanzjament proposti mill-Kummissjoni għall-Fond tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC) (approprjazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fir-riżerva sa dak il-mument li jkun adottat l-att bażiku mil-leġiżlatur), EUR 2,5 miljun se jingħataw fl-2018 mill-assi tal-Progress tal-EaSI u EUR 11,1 miljun ser jiġu allokati mill-ġdid mill-FSE u għalhekk meħuda mill-prijoritajiet tal-oqsma tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni; jemmen li l-ESC għandha, minflok, tiġi ffinanzjata bl-użu tal-mezzi finanzjarji kollha disponibbli fir-Regolament tal-QFP eżistenti;

16. Ifakkar li l-Parlament, bħala koleġiżlatur għall-programmi tal-UE u wieħed miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, huwa kontra r-riallokazzjoni ta' fondi minn programmi ta' prijorità;

17. Jilqa' l-fatt li l-EUR 18,4 miljun li twarrbu għall-Korp fl-2018 huma flus ġodda; jinsisti madankollu li l-finanzjament tal-ESC ma jridx ipoġġi pressjoni addizzjonali jew ikollu impatt negattiv fuq programmi eżistenti mmirati għall-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva (bħall-programmi Ewropa għaċ-Ċittadini u Erasmus+, il-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, u l-proġetti ffinanzjati mill-FSE), u ma jridx ifixkel il-funzjonament ta' għodod jew miżuri eżistenti li rnexxew; jesprimi t-tħassib tiegħu, għaldaqstant, li qed jiġu trasferiti riżorsi minn programmi importanti bħal l-FSE, Erasmus u Life;

18. Jirrifjuta t-tnaqqis tal-fondi għall-Aġenzija EU-OSHA kif propost mill-Kunsill u jtenni l-importanza li jiġi rrifjutat dak it-tnaqqis propost;

19. Jitlob li l-mira tat-tnaqqis tal-persunal tal-EUROFOUND għall-2018 tiġi posposta fuq bażi eċċezzjonali;

20. Itenni li l-proġetti pilota (PP) u l-azzjonijiet preparatorji (AP) huma għodod ta' valur kbir biex jibdew inizjattivi u politiki ġodda fl-oqsma tal-impjieg u l-inklużjoni soċjali u li diversi ideat tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ġew implimentati b'suċċess fil-passat bħala proġetti pilota jew azzjonijiet preparatorji; jinkoraġġixxi l-użu sħiħ tal-marġini disponibbli taħt kull intestatura; jitlob li l-Parlament jingħata aġġornamenti regolari u dettaljati dwar l-istadji varji fl-implimentazzjoni ta' proġetti pilota u ta' azzjonijiet preparatorji mill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-implimentazzjoni tal-PP u l-AP, tirrispetta l-kontenut tagħhom kif maqbul u approvat mill-Parlament u mill-Kunsill;

21. Jinnota li ħames proġetti pilota rċevew klassifikazzjoni ta' "A" jew "B" u jinkoraġġixxi lill-awtorità baġitarja biex tinkludihom fil-baġit tal-2018, u lill-Kummissjoni biex timplimentahom mingħajr dewmien;

22. Ifakkar li l-prevalenza li qed tiżdied ta' mard kroniku u awtoimmuni fl-Unjoni tikkostitwixxi theddid serju għas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-suq tax-xogħol tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza ta' finanzjament għar-riċerka kif ukoll l-iżvilupp ta'

pjanijiet ta' azzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u d-dijanjożi bikrija ta' mard kroniku u awtoimmuni kif ukoll it-tixjiħ b'saħħtu tul il-ħajja li jibda mit-tfulija;

23. Ifakkar li l-għadd ta' persuni li jeħtieġu l-kura qed jiżdied; li 80 % tal-attivitajiet ta' kura jsiru minn persuni li jagħtu l-kura b'mod informali, fil-biċċa l-kbira nisa, li jieħdu ħsieb lill-qraba tagħhom; jenfasizza li ħafna minnhom inaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom jew saħansitra jitilqu mix-xogħol professjonali tagħhom minħabba l-ammont kbir ta' responsabbiltajiet bħala persuni li jagħtu l-kura; jenfasizza li sabiex il-persuni li jagħtu l-kura b'mod informali jiġu appoġġjati, huwa neċessarju finanzjament għan-netwerk Ewropew ta' persuni li jagħtu l-kura (EUROCARERS) u l-iskambju ta' eżempji tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri;

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 30.8.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 8<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Czesław Hoc, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Robert Rochefort, Claude Rolin, Sven Schulze, Siôn Simon, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Deirdre Clune, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Anne Sander, Joachim Schuster, Neoklis Sylikiotis, Monika Vana, Theodoros Zagorakis, Flavio Zanonato |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 41 | + |
|---|---|
| ALDE | Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Robert Rochefort, Yana Toom, Renate Weber |
| GUE/NGL | Rina Ronja Kari, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis |
| PPE | Georges Bach, David Casa, Deirdre Clune, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Romana Tomc, Theodoros Zagorakis |
| S&D | Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Ole Christensen, Elena Gentile, Agnes Jongerius, Jan Keller, Javi López, Edouard Martin, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Joachim Schuster, Siôn Simon, Marita Ulvskog, Flavio Zanonato |
| VERTS/ALE | Terry Reintke, Monika Vana, Tatjana Ždanoka |

| 8 | - |
|---|---|
| ECR | Arne Gericke, Czesław Hoc, Anthea McIntyre, Ulrike Trebesius, Jana Žitňanská |
| ENF | Dominique Martin, Joëlle Mélin |
| NI | Lampros Fountoulis |

| 2 | 0 |
|---|---|
| EFDD | Laura Agea, Tiziana Beghin |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet